**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**(Ghawdex)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 16/2020/1**
**Wara sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar bit-Talba numru: 16/2020 MP datata 22 ta' Mejju, 2024**

**Grazzio (KI 70950G) u Connie konjugi Sultana (KI62860 G)**

**vs.**

**Patrijiet Frangiskani Minuri Konventwali**

**Illum 30 ta' Ottubru, 2024**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell intavolat mill-intimati Patrijiet Frangiskani Minuri Konventwali minn decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 22 ta' Mejju, 2022 fejn gie deciz kif isegwi:

'Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża, billi jilqa' t-talbiet tal-atturi, limitatament fl-ammont ta' tmien mija u tlieta u ghoxrin ewro (€823), bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, ghandhom ikunu sopportati in kwantu ghal erba' kwinti (4/5) mill-konvenuti, u kwint (1/5) mill-atturi.'

2. Illi t-talba mressqa mir-rikorrenti appellati quddiem it-Tribunal kienet tikkonsisti f'li ppremettew illi l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti, in konnessjoni ma' xoghlijiet li huma ghamlu fil-blokk li minnu tifforma parti l-propjetà ossia l-garaxxijiet tal-atturi, is-somma kumplessiva ta' elf ewro u wiehed (€1,001), fosthom spejjeż mal-ARMS Limited fl-ammont ta' sitt mija, hamsa u erbghin ewro (€645), spejjeż tal-Perit fl-ammont ta' mitejn, sitta u tlettin ewro (€236) u spejjeż mal-Awtorità tal-Ippjanar fl-ammont ta' mija u ghoxrin ewro (€120), hekk kif jidher mid-dokumenti hawn annessi. Izidu illi minkejja li l-intimati ghamlu diversi weghdiet li huma ser ihallsu dawn l-ispejjeż, tali hlasijiet baqghu ma sarux u l-istess spejjeż kienu kostretti jhallsuhom ir-rikorrenti. Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura, tal-Ittra Uffiċċjali nru 334/2020 u bl-imghaxijiet skont il-Liġi u bl-inġunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma inġunti.

3. Illi l-intimati appellanti eccepew illi il-kawza ghandha tiġi trattata f' Malta u mhux f'Ghawdex liema eccezzjoni izda giet sorvolata fil-mori, illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, illi l-konvenuti qatt ma weghdu jew obbligaw ruhhom li ihallsu dawn l-ispejjez, illi dawn l-ispejjez ovvjament kienu obbligati ihallsuhom ir-rikorrenti u dan kif ser jiġi pruvat fit-trattazzjoni.

4. Illi l-intimati hassewhom aggravati b'din id-decizjoni u ntavolaw l-appell odjern nhar l-10 ta' Gunju, 2024. Permezz tal-imsemmi appell gew imressqa zewg aggravji kif isegwi:

(i) Illi l-appellanti ma jistghux jifhmu kif it-Tribunal wara li rrikonoxxa, "L-istess ftehim, ghalhekk, huwa ghal kollox sieket dwar min mill-partijiet kellu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez relatati mal-compliance certificate," wasal imbaghad minghajr ma spjega kif u ghaliex, biex jikkonkludi, li kienu l-konvenuti li kienu obbligati jhallsu l-ammont rekalamat. In oltre jsostu li jidher li l-logika adottata mit-Tribunal kien li

la darba, "Kienu bosta r-rikjesti lill-konvenuti min-naha taghhom sabiex jigi ottenut il-compliance certificate," billi "dawn ma hallew l-ebda ezitu pozittiv. Wiehed jifhem li l-atturi ma setghux jibqghu minghajr servizzi fil-garaxxijiet taghhom, u li ghalhekk kienu kostretti japplikaw huma stess."

L-appellanti jsostnu li dan ir-ragunar tat-Tribunal ma hux logiku u konsegwentement mhux ekwu b'dana li ma jaqblux mar-ragunament tat-Tribunal li wasal ghall-konkluzjonijiet li kienu l-intimati responsabbli ghall-hlas tal-ispejjez relatati mat-tnehhija u l-installar mill-gdid tal-metres tad-dawl u tal-ilma. Jsostnu li fil-ftehim bil-mitkub bejn il-partijiet ma kienx hemm xejn dwar dawn l-ispejjez u li l-ftehim verbali bejn il-partijiet kif isostnu r-rikorrenti appellati ma giex debitament ippruvat, anzi jsostnu li tali prova gie kompletament kontradetta. Jinsistu wkoll li jekk kien hemm ftehim bejn il-partijiet dan kien limtiat ghas-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin Euro (€355) rapprezentnati l-ispejjez kif gew infurmati l-intimati li kellhom ikunu mal-ARMS ghat-tnehhija u twahhil mill-gdid tal-metres. Il-ftehim bejn il-partijiet ma kienx jinkludi ebda hlas iehor u ebda weghda ta' hlas iehor b'eskluzjoni allura tal-ispejjez relatati mal-*compliance.* Jemfasizzaw li fit-termini tal-artikolu 992 u 990 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u jinsistu li ebda kuntratt ma jista' jithassar jekk mhux bil-kunsens taz-zewg partijiet. Jinsistu ghalhekk fl-aggravju li t-tielet eccezjoni tal-konvenuti kellha tigi milqugha stante li l-intimati qatt ma weghdu jew obbligaw ruhhom li jhallsu l-ispejjez in kwistjoni u stante li ma tressqet l-ebda prova dwar l-ezistenza tal-obbligu tal-hlas.

(ii) It-tieni aggravju tal-intimati appellanti huwa n-nuqqas ta' qbil taghhom ma' kif it-Tribunal wasal ghall-kalkolu tal-ammont dovut. Jsostnu li minn imkien ma rrizulta l-obbligu tal-intimati appellanti li jhallsu il-compliance certificate u l-ispejjez tal-meter tal-ilma. Dwarl-ispejjez tal-meter tad-dawl jzidu li saret il-prova tal-hlas stante l-kopja tac-cekkijiet ezebiti mal-korrespondenzi tal-Patrijiet, ghalhekk skont l-appellanti l-uniku has li kien dovut thallas. Skont l-appellanti t-Tribunal ma kellux jordn l-hlas tal-ispejjez relatati mal-complicance certificate

(eskluzi l-applikazzjoni li giet michuda mhux b'tort l-intimati). Talbu ghalhekk li anki in vista ta' dan u stante li skonthom it-talba tar-rikorrenti hija limitata ghall-ispejjez tal-meters allura kwalunkwe spejjez ohra kellhom jigu michuda.

L-appellanti talbu ghalhekk li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tat-22 ta' Mejju, 2024 appellata u minflok tilqa' l-aggravji tal-intimati appellanti u in linja mal-istess tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati appellanti u tichad it-talbiet tar-rikorrenti kollha, bl-ispejjez taz-zewg istani kontra r-rikorrenti appellati.

5. Illi da parti taghhom ir-rikorrenti appellati wiegbu ghal dan l-appell nhar id-19 ta' Lulju, 2024 billi sostniet fl-ewwel lok li l-appell ghandu jigi dikjarat null stante li fit-termini tas-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 380 appell jista' jirs biss fejn l-ammont in kwistjoni jaqbez is-somma ta' Elf u Hames mitt Euro (€1,500) li mhux il-kaz odjern ghajr biss jekk l-appell tal-intimati huwa bbazat fuq is-sub-inciz (2) tal-istess abbazi ta' parzjalita fil-gudizzju, gudizzju mhux ekwu jew pregudizzju tal-jeddijiet tal-appellant. Jsostnu li izda l-aggravji tal-intimati jikkonsistu biss f'nuqqas ta' qabil mal-apprezzament tal-fatti kif maghmula mit-Tribunal b'dana li allura l-appell ghandu jigi michud. Dwar l-ewwel aggravju jsostnu li huwa minnu li l-ftehim bil-miktub bejn il-partijiet ma jinkludi l-ebda ftehim dwar l-ispejjez in kwistjoni izda jirrizulta li kien biss wara hafna nsistenza da parti tar-rikorrenti li l-intimati kienu accettaw li jhallsu l-ispejjez relatati mat-tnehhija u t-tqeghid mill-gdid tal-metres, izoztnu izda li l-intimati ddecidew huma b'mod uniltaerali kemm skont hume kien l-ispejjez u ma kienux disposti jhallsu l-ispejjez attwalment inkorsi. Dwar il-*compliance* r-rikorrenti

jsostnu li kellhom bilfors japplikaw ghalih ghaliex il-blokka shiha ma jistax jinhareg *compliance* fuqha stante li ghad hemm xi nuqqasijiet fiha. Dwar it-tieni aggravju jsostni li l-appellanti huma ghal kollox skorretti meta jsostnu li thallset xi somma, stante li rrizulta mill-provi li c-cekk mibghut lir-rikorrenti ma giex imsarraf mir-rikorrenti tant li kien indirizzat lill-ARMS Ltd. u ma ntuzax sabiex isir il-hlas stante li ma kienx jirraprezenta s-somma kollha dovuta lilhom. Finalment ghalhekk jitolbu li din il-Qorti tichad l-appell tal-intimati apellanti u stante li jqisu li l-aggravji tal-intimati huma frivolu u vessatorji li din il-Qorti tordna lill-intimat jhallsu spejjez doppji fit-termini tal-Artikolu 223 (4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jigu ordnati li jhallsu l-penali skond l-artikolu 8 tal-Kap. 380 (Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar).

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2024 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum 30 ta' Ottubru, 2024.

7. Rat il-provi, affidavits, dokument, pjanti, applikazzjonijiet u l-atti kollha tal-prim'istanza kif ukoll dawk tal-appell odjern.

**Ikkunsidrat:**

8. Illi t-Tribunal fid-decizjoni appellata wasal ghall-konluzjonijiet tieghu wara li gharbel il-provi u ghamel il-konsiderazzjonijiet tieghu kif isegwi:

**'Ra** d-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attur Grazio Sultana, fejn spjega illi huwa u martu kellhom żewg garaxxijiet fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Ghawdex, l-arja ta' liema però ma kinitx taghhom. Jghid illi peress li l-garaxxijiet kien ilhom mibnija, u peress li l-arja tal-istess garaxxijiet kienet tal-Patrijiet Franġiskani Minuri Konventwali tal-Belt Valletta, kien ġie avviċinat mill-Provinċjal tal-Ordni, Patri Alfred Calleja, li kien talbu sabiex iwaqqa' l-garaxxijiet u jerga' jibnihom a spejjeż taghhom. Jispjega li peress li kien ser isir dan l-iżvilupp, huwa, min-naha tieghu, kien aċċetta, wara hafna diskussjonijiet, u kien talab li jaghmel basement taht l-istess garaxxijiet, liema xoghlijiet fil-livell sotterran saru a spejjeż tieghu. Iżid jghid illi fil-garaxxijiet kellu d-dawl u l-ilma, u li meta xtara l-garaxxijiet, dawn is-servizzi sabhom hemm. Jghid li ma xtaqx li dawn jitnehhew, iżda min-naha tal-patrijiet, huma insistew li dan is-servizz jitnehha. L-istess attur jghid illi min-naha taghhom il-patrijiet dejjem insistew li huma kienu ser jiehdu hsieb dan ix-xoghol u ghalhekk kien ser jaqilghu u jerġghu jdahhlulu dawn is-servizzi a spejjeż taghhom;

Jghid illi fid-29 ta' Novembru, 2014, kien sar kuntratt ghand in-Nutar Dr Maria Grima bejn l-atturi u bejn Patri Alfred Paul Calleja ghan-nom tal-Provinċja konvenuta sabiex jitwaqqa' l-bini tal-patrijiet u l-garaxxijiet taghhom, li kienu jmissu minn taht u mill-ġenb mal-bini tal-patrijiet, u li l-garaxxijiet taghhom jerġghu jinbnew mill-ġdid.

Iżid jispjega li ghall-habta ta' April, jew ftit wara, tas-sena elfejn u hmistax (2015), Patri Alfred Calleja kien avviċinah u qallu li ried jaqla' l-meters tad-dawl u l-ilma iżda huwa kien irrifjuta bil-qawwa. Jghid li kien biss wara li kienu offrewlu li jkopru l-ispejjeż biex jitnehhew u jerġghu jiġu installati xhin ikun lest il-bini li huwa u martu aċċettaw biex dan isir. Jghid li fil-fatt kienu ffirmawlhom biex jaqilghu s-servizz u infatti dak il-hlas kienu ghamluh huma. Iżid jghid li dan kien sar bil-kundizzjoni li biex jitnehhew iż-żewġ meters kif ukoll biex jerġghu jitpoġġew iż-żewġ meters kienu ser ihallsu l-ispejjeż kollha l-provinċja.

Jghid li minkejja li ghadda ż-żmien, u l-garaxxijiet u l-blokka nbnew, is-servizz tad-dawl u l-ilma baqa' ma ġiex. Iżid li min-naha tieghu kitbilhom u insista maghhom kemm-il darba biex jerġghu jdahhlulu s-servizz tad-dawl u l-ilma.

Jispjega li ma setax jibqa' minghajr dawl u ilma peress li spiċċa li, minfuq li kien ghamlilhom pjaċir, il-propjetà tieghu ma setax jużaha. Ghalhekk, ma kellux alternattiva ohra ghajr li, minkejja li l-ftehim kien li jiehu l-proċeduri neċessarji.

Jghid li b'kollox hemm mija u ghoxrin ewro (€120) spejjeż lill-Awtorità tal-Ippjanar, mitejn u sitta u tletin Ewro (€236) spejjeż tal-Perit Edward Scerri, u sitt mija u hamsa u erbghin ewro (€645) spejjeż lil Arms Limited biex jerġa' jiddahhal is-servizz.

**Ra** l-affidavit tal-attriċi, Connie Sultana, fejn iżżid tispjega illi hija u żewġha kienu talbu lill-konvenuti jhallsuhom l-ispejjeż, però dawn kienu baghtulhom lura li ser ihallsu tliet mija u hamsa u hamsin ewro (€355) biss, u kienu baghtu ċekk ta' tliet mitt ewro (€300);

**Ra** x-xhieda ta' Mark Cini, moghtija fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2023, fejn ġie mitlub jixhed dwar applikazzjoni ghall-*compliance certificate* minn Grazio Sultana;

**Ra** x-xhieda ta' Leanne Vella, moghtija wkoll fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2023;

**Ra** n-nota ta' Mark Cini, bhala rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar, li permezz taghha esibixxa d-dokumenti relatati mal-Compliance CMP11853, marbut mal-permess PA258/17, u kopja tal-irċevuta tal-hlas ta' sittin ewro (€60) marbut mal-applikazzjoni ghall-Compliance Certificate CMP 11853;

**Ra** l-affidavit tal-Perit Edward Scerri, li permezz tieghu kkonferma li huwa kien ġie inkarigat minn Grazio Sultana biex jissottometti applikazzjoni ghall-hruġ taċ-ċertifikat ta' konformità mal-Awtorità tal-Ippjanar rigward propjetà fl-indirizz 6, Triq ir-Rabat, Marsalforn, iż-Żebbuġ, Ghawdex. Jghid li l-ewwel applikazzjoni ddahhlet fis-16 ta' Jannar, 2020, in segwitu ta' liema ġew rikjesti mill-Awtorità tal-Ippjanar dokumenti ulterjuri, li kellhom jiddahhlu mill-perit responsabbli mill-iżvilupp. Jghid li peress li dawn ma ġewx sottomessi fil-hin, l-applikazzjoni ġiet rifjutata;

Iżid jghid li, sussegwentement, il-klijent kien tah struzzjonijiet biex jissottometti t-tieni applikazzjoni, liema applikazzjoni ġiet approvata fid-9 ta' Ġunju, 2020.

Jghid li huwa hareġ kont ta' tliet mija u sitta u hamsin ewro (€356), li kien saldat mill-attur.

**Ra** l-ftehim li sar bejn il-kontendenti, datat id-29 ta' Novembru, 2014;

**Ra** l-Affidavit ta' Patri Alfred Calleja, li permezz tieghu qal li huwa kien Ministru Provinċjal tal-Provinċja ta' Malta tal-Patrijiet Franġiskani konventwali mis-sena 2011 sas-sena 2015;

Jghid li fil-bidu tal-2013, kien talab lil ċerta habib tieghu, John Sciberras, Perit irtirat, biex jaghtih opinjoni professjonali fuq il-propjetà Dar Paċi u Ġid, li l-Provinċja kellha fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, Ghawdex, fejn id-deċiżjoni sussegwenti kienet li din titwaqqa' u tinbena mill-ġdida.

Jghid li mill-ewwel u t-tieni sular din il-propjetà kienet tirkeb fuq żewġ garaxxijiet qodma hafna li kienu fil-livell tat-triq, u li kienu propjetà ta' Grezzju u Concetta Sultana. John Sciberras kien tal-opinjoni li kien jaghmel iktar sens jekk il-binja titwaqqa' kollha, jipifieri bil-garaxxijiet b'kollox, u tinbena mill-ġdid.

Iżid jispjega li sar kuntatt ma' Grezzju Sultana, u wara laqgha li saret fil-garaxxijiet tieghu, il-Provinċja ghamlitlu l-proposta datata 6 ta' Ġunju, 2014, li ġiet anness mal-affidavit. Jghid li ftit wara John Sciberras kien qallu li kien irċieva telefonata minghand il-Perit Leli Vella f'isem il-koppja Sultana, li ma kinux lesti jilqghu l-proposta.

Jghid li, ghalhekk, f'Awwissu 2014, iddahhlet applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar ghat-twaqqigh u bini mill-ġdid tal-propjetà tal-Provinċja biss. Din l-applikazzjoni saret mid-ditta ta' Periti Med Design Ltd, li kienu tqabbdu mill-Provinċja sabiex jiddisinjaw u jissorveljaw ix-xoghol kollu. Wara li f'Ottubru, 2014, l-Awtorità wahhlu mal-bini l-antik notifika tal-applikazzjoni PA 3282/14 biex kulhadd ikun infurmat bl-intenzjoni tal-Provinċja, il-koppja Sultana ghamlu kuntatt tramite John Sciberras u esprimew ix-xewqa li jaċċettaw il-proposta li kienet saritilhom f'Ġunju, 2014, li jipparteċipaw fil-proġett.

Jispjega li wara laqgha li saret mal-atturi, il-Provinċja ddeċidiet li din ix-xewqa ta' Sultana tigi milqugha, basta jidhlu ghall-ispejjeż żejda li kienu ser isiru mal-Awtorità tal-Ippjanar u l-Periti reponsabbli biex isiru l-emendi neċessarji. F'dan ir-rigward ġiet redatta skrittura privata, datata 29 ta' Novembru, 2014, kopja ta' liema ġiet ukoll annessa mal-affidavit.

Jghid li wara li saret din l-iskrittura, saru pjanti ġodda u ġiet emendata l-applikazzjoni. Iżid jghid li f'laqgha sussegwenti, John Sciberras semma li kien ġie avviċnat mill-attur sabiex il-meter tal-elettriku ma jinqalax, ghal liema John Sciberras esprima l-oġġezzjoni tieghu, u ghalhekk, il-Provinċja kienet offriet li thallas iċ-charges neċessarji sabiex l-atturi jkunu jistghu japplikaw ghat-tnehhija tal-meter il-qadim u ghall-istallazzjoni tal-meter il-ġdid.

Iżid jghid li kienu ċċekkjaw mal-formoli tal-ARMS, minn fejn irriżulta li l-ispejjeż relattivi kienu jammontaw ghal tliet mija u hamsa u hamsin ewro (€355), liema ammont tniżżel fl-ittra li kienu baghtu lill-atturi, fit-30 ta' Jannar, 2016.

**Ra** l-Affidavit ta' John Sciberras, fejn oltre dak spjegat minn Patri Alfred Calleja jżid jghid li mal-faċċata tal-propjetà li kellha titwaqqa' kien hemm imwahhla diversi wajers, u allura beda jhabrek biex dawn jitnehhew mill-iktar fis possibbli. Jghid li l-

applikazzjoni ghat-tnehhija tal-meter tad-dawl ta' Dar Paċi u Sliem kienet diġà saret, u allura ċempel lil Grezzju Sultana sabiex japplika ghat-tnehhija tal-meter tad-dawl tal-garaxx kollu. Sultana kien qallu li ma xtaqx jaghmel dan biex ma jidholx fi spejjeż, u kien ghalhekk li ġie offrut li l-ispejjeż relatati mat-tnehhija u rinstallazzjoni tal-meters taghmel tajjeb ghalihom il-Provinċja.

**Ra** l-kontroeżamijiet kollha;

**Ikkunsidra:**

Illi minn dak li jirriżulta mill-provi prodotti miż-żewġ partijiet, dan it-Tribunal seta' jislet is-segwenti punti:

In segwitu tad-deċiżjoni milhuqa mill-atturi, u ċjoè dik li l-garaxxijiet propjetà taghhom kellhom ukoll jiffurmaw parti mill-applikazzjoni ghal demolizzjoni u żvilupp sottomessa mal-Awtorità tal-Ippjanar, il-partijiet dahlu fi ftehim, attestat min-Nutar Dottor Maria Grima, datat id-29 ta' Novembru, 2014. F'dan l-istess ftehim ġie, fost l-ohrajn, maqbul hekk:

> *«L-ispejjez u/jew drittijiet li jkunu dovuti lill-Kumpanija Med Design Associates Limited u cioe` l-Periti nkarigati mill-bini ta' dan il-progett flimkien ma' kwalunkwe spejjez li jistghu jkunu dovuti lill-MEPA u lill-Awtoritajiet kompetenti sabiex il-fond terran propjetà tal-istess konjugi Sultana jigi inkorporat fil-applikazzjoni tal-MEPA bl-ittri PA u bin-numru tlieta, tnejn, tmienja, tnejn zbarra wiehed, erbgha (PA 3282/14) li diga` ġiet sottomessa mill-Provinċja ghal dan il-progett u jinbidlu l-pjanti tal-bini relattiv, ghandhom jihallsu mill-konjugi Sultana. Il-konjugi Sultana jintrabtu illi jhallsu dawn l-ispejjez u/jew drittijiet immedjatament malli jintalbu illi jaghmlu dan. Il-kumplament tad-drittijiet u/jew spejjez illi jistghu jkunu dovuti lill-Kumpanija Med Design Associates Limited, lill-MEPA u lill-Awtoritajiet kompetenti ghall-attwazzjoni tal-kumplament ta' dan il-progett jithallsu mill-Provinċja.*
>
> *[...]*
>
> *Il-garages li ghandhom jigu assenjati lill-Konjugi Sultana ghandhom jinbnew skont is-sengha u l-arti u in stretta osservanza mal-permessi tal-bini li jinhargu mill-MEPA. Fir-rigward tal-imsemmija garages, ma jkunx permess tibdil mill-pjanta hawn annessa hlief bil-kunsens unanimu tal-partijiet.»*

L-istess ftehim, ghalhekk, huwa ghalkollox sieket dwar min mill-partijiet kellu jaghmel tajjeb ghall-ispejjeż relatati mal-*compliance certificate.* F'dan l-istadju, it-Tribunal evalwa x-xhieda tal-atturi, fejn dawn isostnu li kienu bosta r-rikjesti lill-

konvenuti min-naha taghhom sabiex jiġi ottenut il-*compliance certificate*, però dawn ma hallew l-ebda eżitu pożittiv. Wiehed jifhem li l-atturi ma setghux jibqghu minghajr servizzi fil-garaxxijiet taghhom, u li ghalhekk kienu kostretti japplikaw huma stess. It-Tribunal, però, jinnota li r-rifjut tal-ewwel applikazzjoni kien, anke kif ikkonfermat mir-rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar, Mark Cini, minhabba l-fatt li l-perit tal-atturi naqas milli jforni l-informazzjoni mitluba minnu mill-Awtorità tal-Ippjanar, u ghaldaqstant l-applikazzjoni ma setghetx timxi. It-Tribunal huwa tal-fehma, ghaldaqstant, li t-talba attriċi fir-rigward ta' dawn l-ispejjeż ghandha tkun limitata ghal applikazzjoni wahda biss, u ċjoè fl-ammont ta' mija u tmienja u sebghin ewro (€178).

Illi mill-provi prodotti, kien hemm qbil illi l-Provinċja taghmel tajjeb ghall-ispejjeż konnessi mal-applikazzjoni ghat-tnehhija tal-meters u r-rinstallazzjoni taghhom. It-Tribunal jinnota li hemm qbil li l-ammont involut fl-applikazzjoni ghat-tnehhija tal-metres, ċjoè dak ta' hamsa u hamsin ewro (€55), ġie saldat mill-Provinċja. Jinnota wkoll li ghalkemm l-ispejjeż relattivi ghall-installazzjoni mill-ġdid kienu ċitati minn membri tal-Provinċja bhal li jammontaw ghal tliet mitt ewro (€300), dan ma jirriżultax li huwa l-każ, peress li, kif ikkonfermat ukoll mir-rappreżentant tal-ARMS Ltd, l-ammont involut u li ġie effettivament imhallas mill-atturi kien dak ta' sitt mija u hamsa u erbghin ewro (€645). It-Tribunal iqis li l-fatt l-ammont ta' tliet mija u hamsa u hamsin ewro (€355) kien dak indikat fl-ittra mibghuta lill-atturi, datata t-30 ta' Jannar, 2016, liema ittra baqghet ma ġietx rikonoxxuta mill-istess atturi, m'ghandux jipprekludi lill-istess atturi milli jiġu mghoddija l-ammont intier mahruġ minnhom, u dan partikolarment meta fl-istess ittra, il-Provinċja ghamlet ċara l-pożizzjoni taghha li thallas l-ispiża konnessa mal-*'applikazzjoni ghat-tnehhija tal-meter li hemm illum u ghall-istallazzjoni tal-meter mill-gdid.'*

Kif gia inghad konsegwenti ghas-suespost it-Tribunal ghaddha sabiex laqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ordna lill-intimati jhallsu s-somma ta' tmien mija u tlieta u ghoxrin Euro (€823), bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv, bl-ispejjez maqsuma 4/5 l-intimati u kwint mir-rikorrenti.

9. L-ewwel aggravju:

Illi kif gia suespost fl-ewwel aggravju taghhom l-intimati jsostnu li t-Tribunal, abbazi tal-provi fl-atti, qatt ma seta' jasal ghall-konkluzjoni li

kien hemm xi ftehim li l-intimati jhallsu l-ispejjez tal-*compliance certificate.* Jinsistu li l-uniku ftehim li kien hemm huwa dak bil-miktub bejn il-partijiet li hemm qbil bejniethom li ma jsemmi xejn dwar l-istess spejjez u ftehim verbali konsegwenti fejn l-intimati accettaw li jaghmlu tajjeb ghall-isepjjez sabiex jinqalghu il-meters u jergghu jitwahhlu.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ma tistax ma tinnotax li verament dan l-aggravju ma hu xejn hlief nuqqas ta' qbil tal-intimati appellanti mal-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal. Ghalhekk dan l-agggravju huwa prekluz milli jsir appell minnu in vista tal-ammont pretiz kif jindika s-sub-inciz (3) tal-Artikolu tal-Kap. 380 (Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar). Fi kwalunkwe kaz il-Qorti tqis li mhux minnu li t-Tribunal ma kellux provi fuq xhiex jasal ghal tali konkluzjoni. L-intimati jammettu fix-xhieda taghhom li finalment kien hemm ftehim li l-intimati jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez sabiex jinqalghu u jergghu jitwahhlu s-servizzi. L-intimati zbaljaw meta assumew li l-ispejjez involuti jinkludu biss dawk tal-ARMS Ltd. stante li huwa ben not li sabiex jitwahhlu servizzi fi zvilupp gdid, l-applikazzjoni ma tkunx valida jekk ma jigix anness mieghu *compliance certificate* li jevidenzja li l-izvilupp sar skont il-permess ta' zvilupp mahrug. L-izball tal-intimati li jiccekkjaw l-affarijiet sew qabel jaqblu li jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tat-tnehhija u t-twahhil mill-gdid ma ghandhomx ibaghtuh ir-rikorrenti b'dana li allura din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-intimati huwa ghall-kollox fieragh u ser jigi michud.

10. It-tieni aggravju:

Illi fit-tieni aggravju l-appellanti jsostnu n-nuqqas ta' qbil taghhom ma' kif it-Tribunal wasal ghall-kalkolu tal-ammont dovut. Din il-Qorti rat li allura dan l-aggravju huwa purament wiehed fattwali b'dana li in vista tal-ammont pretiz, l-appell kien ukoll prekluz. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti ma tarax x'kien hemm daqshekk difficli fil-kalkolu tat-Tribunal

li l-intimati ma rnexxielhomxx jifhmu r-ragunar tant semplici tat-Tribunal. Mid-decizjoni johrog car li t-Tribunal ikkalkola l-ispejjez tal-ARMS Ltd. relatati mat-tnehhija u t-twahhil mill-gdid u dik il-parti tal-ispejjez tal-Perit u l-Awtorita' neccessarja sabiex inhareg il-c*ompliance certificate* eskluz l-ispejjez zejda li saru minhabba nuqqas imputabbli lill-istess rikorrenti fit-total ta' tmien mija u tlieta u ghoxrin Euro (€823) mil-liema ammont, sal-lum, l-intimati jirrizulta li ghadhom ma hallsu xejn lir-rikorrenti. Din il-Qorti tqis li d-decizjoni tat-Tribunal f'dan ir-rigward hija pjuttost cara u skjetta u ma hemm l-ebda raguni valida ghalfejn din il-Qorti ghandha b'xi mod tvarja din il-konkluzjoni. Il-Qorti ser tichad ukoll dan it-tieni aggravju li tqisu wkoll bhala wiehed frivolu u vessatorju ghall-ahhar.

Huwa fil-fatt car lil din il-Qorti li kien jaqbel aktar ghall-intimati li jaqbdu u jhallsu lir-rikorrenti, partikolarment wara d-decizjoni tat-Tribunal, milli qaghdu jintavolaw l-appell odjern li rrizulta fivolu u vessatorju u li sahansitra ma kienx hemm il-jedd fil-ligi li jigi ntavolat, bir-rizultat biss li ziedu aktar l-ispejjez sahanistra ben oltre dak originarjament mitlub minnhom mir-rikorrenti.

<u>**Decizjoni**</u>

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi tilqa' r-risposta tar-rikorrenti appellati, tichad l-aggravji tal-intimati appellanti u tikkonferma d-decizjoni appellata bejn il-partijiet datata 22 ta' Mejju,**

**2024 filwaqt li tiddikjara l-appell odjern bhala wiehed frivolu u vessatorju.**

**In vista tal-ammont zghir originarjament mitlub, din il-Qorti m'hijiex ser timponi spejjez doppji fuq l-appellanti izda tordna li l-intimati appellanti jghamlu tajjeb ghall-ispejjez kollha tal-appell odjern.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Deputat**